**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Ġunju 2020

Rikors Numru: 266/2019 AL

**A B C**

**v.**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fis-26 ta' Novembru, 2019 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieled il-minuri F E nhar il-15 t' April 2011;

2. Illi wara li sfaxxat ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet huma ghamlu kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler nhar l-10 ta' Marzu 2015 sabiex jirregolaw il-kura u kustodja, access, manteniment,

inkluz hrug ta’ passaport u safar tal-minuri (kopja annessa u mmarkata Dok IVB 1);

3. Illi minn wara li sar dan il-ftehim, l-intimat ma zammx kuntatt regolari mal-minuri u fil-fatt l-ahhar kuntatt kien f’April 2018 u minn dak iz-zmien ‘l hawn ma kien hemm l-ebda kuntatt iehor;

4. Illi l-konvenut waqaf ukoll ihallas manteniment ghal minuri minn Novembru 2015 u qatt ma offra kontribuzzjoni ghal bzonnijiet ta’ ibnu minuri;

5. Illi l-konvenut donna sa mill-bidu ma kellu l-ebda interess f’ibnu u dan mhux biss ghaliex ma kellu l-ebda interess fit-trobija tieghu, izda jigi wkoll konfermat bil-fatt illi huwa ma kellu l-ebda diffikulta sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi affidata f’idejn l-esponenti;

6. Illi biss pero ai termini tal-kuntratt, kwalunkwe decizjonijiet rispettanti s-sahha u edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll safar tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejn il-partijiet;

7. Illi l-partijiet huma ta’ nazzjonalita’ Taljana u minkejja li l-esponenti hija awtorizzata sabiex tapplika ghal hrug tal-passaport tal-minuri u ssiefer bil-minuri l-istess minuri ma jista jsiefer minghajr il-kunsens tal-missier ghal btali ohra. Illi ghalhekk, l-minuri spicca f’sitwazzjoni fejn qieghed ghandu diffikulta anke jzur in-nanniet tieghu gewwa l-Italja u dan kif ser jirrizulta mill-provi;

8. Illi ghaldaqstant l-esponenti, tenut kont in-nuqqas tal-konvenut fil-minuri ma ghandiex ghazla ohra ghajr li tintavola proceduri sabiex l-konventu jigi svestit mis-setgha tieghu ta’ genitur u dan ghall-ahjar interess tal-minuri;

9. Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet li l-konvenut igħid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex :

1. Tordna li l-konvenut D E jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta’ setgħa ta’ ġenitur, ai termini ta’ l-Artikolu/i 154 (1)(a), 154(1)(b)

u/jew 154(1)(e) tal-Kodiċi Ċivili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;

2. Tordna li l-konvenut D E jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini ta' l-Artikolu 154(3) tal-Kodiċi Ċivili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-intimat (fol. 14) li permezz tagħha qiegħed jiddikjara li m'huwiex qed jopponi għat-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors ġuramentat 266/19/AL.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-intimat;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex il-konvenut Leonardo Lapucci jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu/1 154 (1) (a), 154(1)(b) u/jew 154(1)(e) tal-Kodiċi Ċivili.

Ir-rikorrenti ssottomettiet fil-premessi tar-rikors ġuramentat, li meta sfaxxat ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, ġie ppublikat kuntratt datat 10 ta' Marzu 2015, liema kuntratt huwa esebit bħala Dok A[1]. Dan il-kuntratt jirregola l-kura u kustodja, aċċess, manteniment, inkluż ħruġ ta' passaport u safar tal-minuri. Ir-rikorrenti ssottomettiet li l-konvenut waqaf iħallas manteniment għall-minuri sa mill-2015, u ma żammx

[1] Fol 4 et seq.

kuntatt regolari ma' ibnu, tant li l-aħħar kuntatt li kien hemm kien f'April 2018, b'mod li ma baqax juri interess f'ibnu minuri. Ġie wkoll sottomess li fil-kuntratt esebit fl-atti, għalkemm l-omm ingħatat l-awtorizzazzjoni li ġġedded il-passaport tal-minuri, iżda, proprju fl-Artikolu 7 hemm provvdut hekk:

"The parties agree that the minor child will not be authorised to go abroad, except with the written consent of both parties, or in the case of disagreement, in virtue of an order of the Civili Court (Family section) which decision shall be final and may not be appealed from."

Illi l-artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

" (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

a) Jekk il-ġenitur billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel jew jitraskura l-edukazzjoni tiegħu.
b) Jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel.
c) Jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel."

Illi din il-Qorti kkunsidrat il-fatt li m'hemmx oppożizzjoni għat-talba tar-rikorrenti. Fil-fatt, jirriżulta li l-konvenut, fin-nota tiegħu a fol 14 tal-proċess, iddikjara li mhuwiex qed jopponi għat-talbiet tar-rikorrenti. Għalhekk, in vista tal-ammissjoni tal-konvenut, din il-Qorti ser tipproċedi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

DEĊIDE:

Illi għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tipprovdi kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-konvenut D E jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini tal-Artikolu/i 154(1)(a), 154(1)(b) u/jew 154(1)(e) tal-Kodiċi Ċivili.
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna li l-konvenut D E jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setghat ta' ġenitur, ai termini tal-Artikolu 154(3) tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż kontra l-konvenut.